**28 ta' Mejju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mg. Juris (Eur.Law.)**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Abela

## Impronti Diġitali

*F'din is-sentenza l-Qorti rriteniet li, f'ċirkostanzi normali, marki tas-swaba f'post fejn tkun saret serqa li jaqblu ma' l-impronti diġitali ta' persuna huma prova suffiċjenti sabiex il-Qorti ssib ħtija. Però, f'każ fejn għandek post pubbliku bħal ħanut, knisja, ċinema, ħwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dawn ta' kuljum huma ffrekwentati minn mijiet ta' nies, ċertament ma jistax jingħad li*

*legalment is-sejba ta' marka ta' swaba ta' xi ħadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex issib ħtija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn min effettivament hi dik il-persuna. Fil-każ ta' postijiet pubbliċi, din il-prova tinneċessità korroborazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Abela li bihom hu ġie akkużat talli f'tas-Sliema, fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Lulju, 1990: (1) ikkommetta serq ta' żewġ *fur coats*, u oġġetti oħra mill-ħanut Femo Boutique, Tigne Street, Sliema, għad-dannu ta' Moira Fenech, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, ħin u valur li jeċċedi l-elf lira Maltija; (2) daħal f'dar jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) barra minn hekk, l-istess Anthony Abela sar reċidiv wara li ġie kkundannat għal reat b'diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat is-sentenza tal-11 ta' Marzu, 1998 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li biha dan Anthony Abela ġie ddikjarat mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u lliberatu minnhom;

Rat in-nota tat-13 ta' Marzu, 1998 tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha għarraf li bi ħsiebu jappella;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Marzu, 1998, fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija ta' l-Ewwel Qorti u tinfliġġi piena skond il-liġi;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali appellant jikkonsisti fil-fatt li skond hu l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni u interpretazzjoni żbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi dwar x'inhu l-oneru tal-prova. L-appellant qed jirreferi hawnhekk għal parti mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn qalet li l-prinċipju "bla ebda dubbju ddettat mir-raġuni" ifisser li l-prosekuzzjoni riedet tikkorobora l-prova tal-*fingerprint*;

Illi jiġi rrilevat li fil-każ odjern l-unika prova li hemm li b'xi mod tista' twassal biex turi li l-appellant f'xi żmien kien fil-/jew ħdejn il-ħanut minn fejn saret is-serqa in kwistjoni kienet tikkonsisti li fuq xi ħġieġa jew mera fil-fond in kwistjoni instabu marki tas-swaba li qablu ma' l-impronti diġitali ta' l-imputat;

Kien a bażi ta' din il-prova, l-unika waħda, li ttieħdu l-passi kriminali kontra Anthony Abela;

F'ċirkostanzi normali, huwa veru u minnu li tali prova hija suffiċjenti sabiex il-Qorti ssib ħtija, iżda kull każ bħal dan, fejn l-unika prova hi dik ta' l-impronti diġitali, jimmerita konsiderazzjoni separata minn kull każ ieħor;

Huwa veru dak li qed jgħid l-appellant li l-prova tal-*fingerprint* għandha tkun suffiċjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-prosekuzzjoni u legalment mhux neċessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova waħedha għandha twassal għall-ħtija tal-persuna akkużata;

Iżda jidher hawn li l-appellant qed jiġġeneralizza wisq u dak li qed jgħid ma jistax jiġi applikat f'kull każ b'mod assolut;

Fil-każ in eżami, din l-impronta diġitali ta' l-appellant instabet fuq il-post tas-serqa. Dan mhux ikkontestat, iżda għandu jiġi kkunsidrat li dan il-post huwa ħanut, u għalhekk post espost għall-pubbliku fejn ta' kuljum imorru n-nies u li ċertament ħafna minnhom iħallu t-traċċi tagħhom warajhom hemmhekk, traċċi bħal ma huma *fingerprints*. Dan ifisser, allura, li kull min ħalla l-marka tas-swaba tiegħu hemmhekk bilfors għandu jkun suspettat tas-serqa li saret minn dak il-ħanut? F'każ fejn għandek post pubbliku bħal ħanut, knisja, ċinema, ħwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dawn ta' kuljum huma ffrekwentati minn mijiet ta' nies, ċertament ma jistax jingħad li legalment is-sejba ta' marka ta' swaba ta' xi ħadd f'dawk il-postijiet hija suffiċjenti biex issib ħtija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn min effettivament hi dik il-persuna;

Kienet tkun ħaġa ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jiġi stabbilit li s-suspettat li nstabu l-impronti diġitali tiegħu fuq il-post, qatt ma kien daħal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien daħħlu fir-residenza tiegħu. F'dan il-każ, il-prova tal-*fingerprint* waħedha hija suffiċjenti biex il-Qorti ssib ħtija. Iżda fil-każ ta' postijiet pubbliċi, din il-prova tinneċessità korroborazzjoni, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti;

Għall-motivi premessi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.